# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 51/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**NC**

**U**

**RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NC u RC, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., fejn inghad :

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar it-2 ta' Novembru, 2002 (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A') ;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg'titfal u cioe M u K, it-tnejn minorenni ;*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati di jure sa mid-9 ta' Dicembru 2013, u dan permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Katia Cachia tal-istess data liema att gie sussegwentement emendat b'att pubbliku iehor fl-atti tal-istess Nutar datat it-22 ta' Dicembru, 2014 (ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok B' u l-att korrettorju anness u mmarkat bhala 'Dok C') ;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi l-partijiet irrinunzjaw mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali u ma jezistu l-ebda pendenzi fil-konfront ta'*

*manteniment pagabbli fil-konfront tal-minuri ;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha :*

1. *Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' RC, datat 14 ta' Marzu 2019, li permezz taghha ddikjarat li hi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija 'C' (vide fol 25);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NC** xehed a fol 17 illi l-partijiet izzewgu fit-2 t'Novembru 2002 u kienu ottjenew separazzjoni legali fit-22 ta' Dicembru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied, li t-tnejn ghadhom minuri. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u lanqas ma hemm diffikultajiet rigward l-access.

Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehdet a fol 29 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn NC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Novembru 2002 (vide Dok. A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, tnejn li huma ghadhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Katia Cachia, datat 9 ta' Dicembru 2013 li l-istess att gie emendat mil-istess Nutar fit-22 ta' Dicembru 2014 (vide Dok.B u Dok. C a fol 4 et seqq., debitament awtorizzat mil-Qorti) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi il-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u tawtorizza lil RC sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe C u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**